MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1888/2002

**Avviz numru: 1888/02AE**

**Capital Services Ltd**

**Vs**

**Michael Zammit Tabona, Dottor Mark Vella u Franco Vella bhala President Segretarju u Tezorier rispettivament ta' Naxxar Lions F.C. a nom u in rapprez-entanza ta' l-istess**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u disgha u sebghin lira Maltija u erbghin centezmu bilanc ta' prezz dovut ghal servizzi rezi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitamenti notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehru ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Hubert Dalli in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu s-somma ta' mija u disgha u sebghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm179.40), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**